# FIL-PRIM’AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## (Sede Kostituzzjonali)

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM il-Ġimgħa, 12 ta’ Jannar, 2024.**

**Kawża Nru. 3**

**Rik. Nru. 45/09JRM**

George **SCERRI** u martu Edith Scerri

vs

**L-AWTORITÀ TA’ MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR** u l-Kummissarju tal-Pulizija

**Il-Qorti:**

Reġgħet rat ir-Rikors imressaq fil-31 ta’ Lulju 2009, li bih u għar-raġunijiet hemm fih imfissrin, ir-rikorrenti talbu lil din il-Qorti: (i) issib li l-imġiba tal-intimati meta ordnawlhom li jidħlu fid-dar tagħhom biex jagħmlu *survey* fl-20 ta’ Lulju, 2009, tikser l-artikoli 37 u 39 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta’ Malta (aktar ’il quddiem imsejħa l-“Kostituzzjoni”) u wkoll l-artikoli 6 u 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni għall-Ħarsien tad-Drittijiet Umani u l-Libertajiet Fundamentali (aktar ’il quddiem imsejħa l-“Konvenzjoni”);

(ii) issib li kwalunkwe *survey* u kull tagħrif miġbur f'dik l-okkażjoni ma jintuża għall-ebda raġuni mill-intimati u żżommhom milli jinqdew b'mod ieħor minn kull tagħrif, fatti u materjal miġbur waqt l-imsemmi *survey*; (iii) issib li l-imġiba tal-intimati kemm fl-20 ta' Lulju, 2009, u kif ukoll fil-proċeduri konsegwenzjali għall-istess, fl-ittra tal-Awtorità intimata taħt il-firma tal-avukat tagħha u l-proċess kollu li ta lok għal dawk il-proċeduri huma abbużivi, kontra l-liġi u bi ksur tal-jeddijiet fundamentali tagħhom kif imsemmija fl-ewwel talba; (iv) issib li ma hemm l-ebda interess pubbliku biex jinżamm is-*survey* li l-Awtorità intimata ordnat li jsir jew inkella li tingħadda triq minn fuq il-proprjetà tagħhom; u (v) tagħti l-ordnijiet u toħroġ l-atti u tagħti dawk id-direttivi li jidhrilha xierqa, fosthom it-tħassir tal-proċess kollu li bih tnediet l-ordni biex isir *survey* u kulma sar wara dak inhar, kif ukoll l-għoti ta' kumpens xieraq biex jagħmel tajjeb għad-danni materjali u morali li jgħidu li ġarrbu. Ir-rikorrenti talbu wkoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tal-20 ta' Awwissu, 2009[1], li bih qiegħdet ir-rikors għas-smigħ għall-15 ta' Ottubru, 2009;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-Awtorità intimata fl-1 ta' Settembru, 2009, li biha u għar-raġunijiet hemm imsemmija laqgħet għall-azzjoni tar-rikorrent billi, b'mod preliminari, qalet li l-Qorti jmissha tqis jekk għandhiex tagħżel li ma twettaqx is-setgħat tagħha li tisma' l-kawża ladarba r-rikorrenti għandhom rimedju ordinarju taħt il-liġi, liema rimedju – appell quddiem il-Bord tal-Appelli dwar l-Ippjanar – l-istess rikorrenti nqdew bih u kien għadu ma ntemmx, u l-istess rimedju wkoll huwa suġġett għal stħarriġ ġudizzjarju quddiem il-qrati jekk kemm-il darba r-rikorrenti ma jiħdux dak li jridu fl-imsemmi appell. Fil-mertu, laqgħet billi qalet li l-liġi tagħtiha kull jedd fl-artikoli 16A u 50 tal-Kapitolu 356 tal-Liġijiet ta' Malta li tidħol f'kull proprjetà privata biex twettaq il-funzjonijiet tagħha, u għalhekk ir-rikorrenti messhom attakkaw is-siwi tal-imsemmija dispożizzjonijiet tal-liġi u mhux lilha talli mxiet magħhom. Tenniet li hija mxiet ma' dak li tridha l-liġi, fl-interess pubbliku u l-għemil tagħha jrid jitqies fid-dawl tal-applikazzjoni għal kontroll tal-ippjanar ('*planning control application*') li għadha trid issir biex tiġi stabilita t-triq in kwestjoni. Fl-aħħar nett, ċaħdet li hija b'xi mod jew ieħor kasbret il-jeddijiet fundamentali tar-rikorrenti;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimat Kummissarju tal-Pulizija fl-14 ta' Settembru, 2009, li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, laqa' għall-azzjoni tar-rikorrenti billi, b'mod preliminari qal (i) li ma kinitx għadha saret in-notifika lill-Avukat Ġenerali, (ii) li hu ma kienx il-leġittimu kontradittur tal-azzjoni tar-rikorrenti u talab li jinħeles milli jibqa' fil-kawża, u (iii) li r-rikorrenti ma kinux inqdew bir-rimedji ordinarji qabel ma ressqu din l-azzjoni. Fil-mertu, laqa' billi

[1] Paġ 10 u 11A tal-proċess.

qal li, fir-rigward tiegħu, it-talbiet tar-rikorrenti ma kinux mistħoqqa għaliex il-Pulizija aġixxiet fuq talba nnifisha tal-Awtorità intimata ħalli tkun tista' twettaq id-dmirijiet tagħha skont il-liġi u dan kemm għall-ħarsien tal-uffiċjali tal-Awtorità, kif ukoll biex tiżgura li ma jkunx hemm ksur tal-ordni u l-paċi pubblika. Filwaqt li stqarr li l-preżenza tal-Pulizija kienet tabilħaqq meħtieġa minħabba l-imġiba ostili tar-rikorrenti, huwa seħaq li l-uffiċjali tal-Pulizija mxew għal kollox mal-liġi u ma għamlu xejn li jikser xi jedd fundamentali tar-rikorrenti;

Rat id-degriet tagħha tal-15 ta' Ottubru, 2009,[2] li bih u fuq talba tal-Awtorità intimata, ordnat li jsiru l-bidliet mitluba fit-tweġiba mressqa mill-istess Awtorità;

Rat id-degrieti tagħha tal-15 ta' Ottubru, 2009,[3] li bihom (i) ordnat li ssir it-trattazzjoni tat-tielet eċċezzjoni tal-intimat Kummissarju tal-Pulizija u tal-ewwel eċċezzjoni tal-Awtorità intimata dwar jekk din il-Qorti jmisshiex twettaq is-setgħat tagħha u tisma' l-każ ladarba r-rikorrenti ma nqdewx b'rimedji oħrajn li tagħtihom il-liġi, u (ii) ordnat lill-Awtorità intimata li, sakemm tkun għadha miexja l-kawża, ma tieħu jew twettaq l-ebda passi ulterjuri dwar l-applikazzjoni għal kontroll tal-ippjanar lil hinn minn dak li kienet wettqet sa dak inhar;

Rat is-sentenza *in parte* tagħha tal-1 ta' Frar, 2011[4], li biha u għar-raġunijiet hemmhekk imsemmija, din il-Qorti ċaħdet kemm l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-Awtorità intimata, kif ukoll it-tielet eċċezzjoni preliminari tal-Kummissarju intimat u ddikjarat li sejra twettaq is-setgħat kostituzzjonali tagħha billi tkompli tisma' l-ilmenti tar-rikorrenti hekk kif imressqa fir-Rikors promotur tagħhom;

Rat il-provi u semgħet ix-xhieda mressqa mill-partijiet;

Rat li fis-seduta tat-3 ta' Ottubru, 2013, il-partijiet infurmaw lill-Qorti li kien hemm possibilità ta' transazzjoni bejn ir-rikorrenti u l-Awtorità intimata, u b'hekk il-Qorti ħalliet il-kawża għal tagħrif ulterjuri. Din it-talba baqgħet tittenna għal bosta snin;

Rat id-degriet tagħha tal-14 ta' Marzu, 2018,[5] li bih u wara talba tal-atturi mressqa b'rikors tagħhom tas-16 ta' Jannar, 2018[6], iddeċidiet li l-effetti tal-provvediment proviżorju mogħti minnha fil-15 ta' Ottubru, 2009, ma jibqgħux aktar fis-seħħ, u dan kemm minħabba dak mitlub mir-rikorrenti, kif ukoll fid-dawl tal-iżviluppi li seħħew dwar il-każ kemm kien ilha tinstema' l-kawża;

---

[2] F'paġna 23 tal-proċess.
[3] F'paġni 23 u 24 tal-proċess.
[4] F'paġni 81 sa 90 tal-proċess.
[5] F'paġna 216 tal-proċess.
[6] F'paġna 211 tal-proċess.

Rat il-provvediment tagħha tal-25 ta' Ottubru, 2018,[7] dwar rikors tar-rikorrenti tal-25 ta' Ġunju, 2018,[8] li bih il-Qorti ċaħdet it-talba għall-ħruġ mill-ġdid ta' ordni provviżorju kontra l-Awtorità intimata għaliex qieset li ma kinux jeżistu l-kundizzjonijiet li jwasslu għal hekk;

Rat li fis-seduta tas-17 ta' Diċembru, 2020[9], il-Qorti ħeġġet lill-partijiet sabiex jiddeterminaw il-kwistjoni bonarjament bejniethom u biex fin-nuqqas t'hekk jgħarrfuha b'xi żviluppi li jkunu seħħew, sabiex tkun tista' tipprovdi dwar il-mixi 'l quddiem tal-kawża, li kien ilu wieqaf għal bosta snin, fuq talba tal-partijiet, u dan minħabba l-possibbiltà li tintlaħaq transazzjoni;

Rat d-degriet li bih l-Qorti ordnat li jitkompla s-smigħ tal-kawża bil-ġbir tal-provi[10];

Rat il-provvediment tal-25 ta' Novembru, 2021[11], li bih u għar-raġunijiet hemmhekk imfissra, il-Qorti ċaħdet it-talba tar-rikorrenti għas-sejħa fil-kawża tal-Aġenzija għall-Infrastruttura Malta;

Rat id-degriet tal-25 ta' Novembru, 2021,[12] li bih iddikjarat bħala magħluq l-istadju tal-ġbir tal-provi, u d-degriet mogħti fl-istess jum dwar il-konferma tal-istess[13];

Rat il-provvedimenti tal-25 ta' Novembru, 2021,[14] u tas-7 ta' April, 2022,[15] li fuq talba tar-rikorrenti, il-Qorti ordnat li jinżamm aċċess fil-proprjetà mertu tal-kawża, u dan fl-10 ta' Mejju, 2022;

Rat id-degriet tal-25 ta' Novembru, 2021,[16] li bih il-Qorti tat żmien lill-partijiet sabiex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mir-rikorrenti fil-11 ta' Frar, 2022[17];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-Awtorità intimata fl-20 ta' Marzu, 2022[18], bi tweġiba għal dik tar-rikorrenti;

---

[7] F'paġni 231 sa 234 tal-proċess.
[8] F'paġni 219 u 220 tal-proċess.
[9] F'paġna 248 tal-proċess.
[10] F'paġna 254 tal-proċess.
[11] F'paġni 354 sa 357 tal-proċess.
[12] F'paġna 352 tal-proċess.
[13] F'paġna 353 tal-proċess.
[14] F'paġna 352 tal-proċess.
[15] F'paġna 412 tal-proċess.
[16] F'paġna 353 tal-proċess.
[17] F'paġni 367 sa 380 tal-proċess.
[18] F'paġni 381 sa 411 tal-proċess.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-Kummissarju intimat fis-7 ta' April, 2022[19], bi tweġiba għal dik tar-rikorrenti;

Żammet aċċess fil-proprjetà mertu tal-kawża, fl-10 ta' Mejju, 2022[20];

Semgħet it-trattazzjoni ulterjuri tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

***Ikkunsidrat:***

Illi b'din l-azzjoni r-rikorrenti qed jgħidu li ġarrbu ksur tal-jeddijiet fundamentali tagħhom dwar smigħ xieraq kif ukoll għat-tgawdija bil-kwiet ta' ħwejjiġhom u dan wara li persuni mibgħutin mill-Awtorità intimata daħlu fi ħwejjiġhom bl-għajnuna tal-uffiċjali tal-korp tal-Pulizija, bil-għan li jagħmlu *survey* topografiku fl-ambitu ta' applikazzjoni għal kontroll tal-ippjanar ('*planning control application*'). Ifissru li, b'ittra tad-19 ta' Ġunju, 2009, l-Awtorità bagħtet tavżahom li riedet tidħol ġewwa ħwejjiġhom (id-dar tagħhom) biex tagħmel *survey* tal-imkien b'riħet l-Artikolu 50 tal-Kapitolu 356 tal-Liġijiet ta' Malta, u jilmentaw li minkejja li huma kkontestaw dik 'it-talba' billi ressqu appell quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar, fil-jum tal-20 ta' Lulju, 2009, l-Awtorità xorta waħda bagħtet l-uffiċjali tagħha flimkien mal-uffiċjali tal-Pulizija sabiex jitwettaq dak is-*survey.* Jgħidu li minkejja li huma opponew għal dak l-aċċess (u dan billi dehrilhom li kien wieħed abbużiv u bi ħsara għall-jeddijiet tal-proprjetà tagħhom, kif ukoll għaliex l-appell dwar it-talba tal-Awtorità kien għadu mhux deċiż), il-Pulizija Eżekuttiva, fuq pressjoni tal-uffiċjali tal-Awtorità, xorta waħda ordnatilhom sabiex iħallu lil dawn tal-aħħar jidħlu, u hedditхom li fin-nuqqas t'hekk kienet ser tarrestahom. Jilmentaw li dak li seħħ ġewwa ħwejjiġhom dakinhar kien bi ħsara għall-jeddijiet tal-proprjetà tagħhom kif ukoll kasbrilhom il-jedd li jkollhom rimedju xieraq skont il-liġi dwar jekk it-talba magħmula mill-Awtorità intimata kinitx waħda xierqa u siewja fil-liġi. F'dan ir-rigward, jinsistu li 't-talba' tal-Awtorità sabiex isir is-*survey,* ma kinitx skont il-liġi u li, f'kull każ, huma ma jridux li tgħaddi xi triq minn ġewwa ħwejjiġhom għaliex jidhrilhom li mhuwiex fl-interess pubbliku li jsir hekk. Fid-dawl ta' dan, ir-rikorrenti jridu li kulma sar waqt is-*survey* tal-20 ta' Lulju, 2009, jitħassar u li l-Awtorità intimata ma tużahx bl-ebda mod. Iridu wkoll li l-Qorti ssib li m'hemm l-ebda interess pubbliku sabiex isir *survey* jew inkella li jgħaddu toroq minn fuq il-proprjetà tagħhom, kif ukoll qed jitolbu rimedju xieraq li

[19] F'paġni 413 sa 420 tal-proċess.
[20] F'paġni 421 u 422 tal-proċess.

jinkludi t-tħassir tal-proċess kollu li wassal għas-*survey*, u kumpens monetarju sabiex jagħmel tajjeb għal dawk li qed isejħulhom bħala "danni reali u morali";

Illi l-Awtorità intimata laqgħet għal din il-kawża billi, b'mod preliminari, qalet li l-Qorti jmissha tqis jekk għandhiex tagħżel li ma twettaqx is-setgħat tagħha li tisma' l-kawża ladarba r-rikorrenti għandhom rimedju ordinarju taħt il-liġi. Fil-mertu, laqgħet billi qalet li l-liġi tagħtiha kull jedd fl-artikoli tal-Kapitolu 356 tal-Liġijiet ta' Malta li tidħol f'kull proprjetà privata sabiex twettaq il-funzjonijiet tagħha, u għalhekk ir-rikorrenti messhom attakkaw is-siwi tal-imsemmija dispożizzjonijiet tal-liġi u mhux lilha talli mxiet magħhom. Ittenni li hija mxiet ma' dak li tridha l-liġi, fl-interess pubbliku u li l-għemil tagħha jrid jitqies fid-dawl tal-applikazzjoni għal kontroll tal-ippjanar li għadha trid issir biex tiġi stabbilita t-triq in kwestjoni. Fl-aħħar nett, tiċħad li hija b'xi mod jew ieħor kasbret il-jeddijiet fondamentali tar-rikorrenti;

Illi min-naħa tiegħu, l-intimat l-ieħor – il-Kummissarju tal-Pulizija – laqa' għall-azzjoni tar-rikorrenti billi, b'mod preliminari qal (i) li ma kinitx għadha saret in-notifika lill-Avukat Ġenerali, (ii) li hu ma kienx il-leġittimu kontradittur għall-azzjoni tar-rikorrenti, u (iii) li r-rikorrenti ma kinux inqdew bir-rimedji ordinarji qabel ma ressqu din l-azzjoni. Fil-mertu, laqa' billi qal li, fir-rigward tiegħu, it-talbiet tar-rikorrenti ma humiex mistħoqqa għaliex il-Pulizija aġixxiet fuq talba tal-Awtorità intimata ħalli tkun tista' twettaq id-dmirijiet tagħha skont il-liġi u dan kemm għall-ħarsien tal-uffiċjali tal-Awtorità, kif ukoll biex tiżgura li ma jkunx hemm ksur tal-ordni u l-paċi pubblika. Filwaqt li jistqarr li l-preżenza tal-Pulizija kienet tabilħaqq meħtieġa minħabba l-imġiba xejn tajba tar-rikorrenti, huwa jisħaq li l-uffiċjali tal-Pulizija mxew skont il-liġi u li ma għamlu xejn li kasbar xi jedd fundamentali tar-rikorrenti;

Illi b'sentenza preliminari mogħtija fl-1 ta' Frar, 2011, il-Qorti ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-Awtorità intimata u t-tielet eċċezzjoni preliminari tal-Kummissarju intimat, u sabet li kellha twettaq is-setgħat tagħha li tisma' din il-kawża;

Illi bħala <u>fatti illi joħorġu mill-atti tal-kawża</u>, m'huwiex kontestat li r-rikorrenti huma s-sidien ta' fond bl-isem ta' '*Villa tat-Tokk*', fi Triq l-iMtarfa, ġewwa l-iMtarfa, li jinkludi ġnien u '*drive-in*'. F'xi żmien bejn Diċembru tas-sena 2007 u Mejju 2008, inħarġu bosta permessi għall-bini ta' residenzi fuq medda t'art li tmiss ma' dik tar-rikorrenti[21]. Għalkemm dawn il-permessi ngħataw f'żona skedata għall-iżvilupp[22], il-benefiċjarji ta' dawk il-permessi ma setgħux jibdew bl-iżvilupp qabel ma l-Awtorità intimata kienet ser tistabbilixxi kemm il-

[21] Ara x-xhieda ta' Victor Borg Fiorentino, f'paġna 185 tal-proċess, flimkien ma' 'Dok. VBF14', f'paġna 166 tal-proċess.
[22] Ara x-xhieda ta' Victor Borg Fiorentino, f'paġni 144 u 145 tal-proċess.

linja tat-triq li kien għadha trid tinfetaħ u kif ukoll il-livelli[23]. Peress li fl-akkwati hemm diżlivell u l-Awtorità intimata kienet għadha trid tistabbilixxi l-livelli tat-triq[24], fit-13 ta' Marzu, 2008, l-Awtorità nediet applikazzjoni għal kontroll tal-ippjanar li ngħatat in-numru ta' riferenza 'PC23/08'[25]. Jirriżulta li l-Awtorità ma kellhiex *survey* attwali ta' x'kien hemm fuq is-sit[26] u peress li l-liġi titlob li kull applikazzjoni għal kontroll tal-ippjanar għandha tkun akkumpanjata b'*survey* uffiċjali maħruġ mill-Awtorità[27], id-Direttorat tal-Ippjanar talab lill-'*lands survey unit*' sabiex iwettaq *survey* topografiku fil-post li kienet tirreferi għalih dik l-applikazzjoni[28];

Illi waqt li kien qiegħed jitwettaq dak is-*survey,* li kien jikkonsisti fil-kejl ta' kull kantuniera u kull ħaġa li kien hemm fis-sit[29], l-uffiċjali tal-'*lands survey unit*' waslu f'punt li ma setgħux ikomplu aktar b'xogħolhom għaliex sabu parti mill-art mertu tal-applikazzjoni magħluqa b'rixtellu u s-sidien, li huma r-rikorrenti, irrifjutaw li jagħtuhom aċċess sabiex ikunu jistgħu jkomplu b'dak is-*survey* topografiku[30]. Ir-raġuni wara dan ir-rifjut kienet li r-rikorrenti ma ridux li eventwalment tgħaddi triq minn ġol-art privata tagħhom, u dan billi qed jinsistu li ma hemm l-ebda interess pubbliku sabiex tinfetaħ dik it-triq, u li jekk issir, din ser tkun qed taqdi biss interessi privati[31]. Peress li dan l-intopp kien qiegħed ifixkel lill-Awtorità milli tkompli bl-applikazzjoni għal kontroll tal-ippjanar, u l-benefiċjarji tal-permessi li nħarġu fis-snin 2007 u 2008 kienu qed jinsistu li jingħataw il-livelli biex jibdew jiżviluppaw il-proprjetajiet rispettivi tagħhom[32], id-Direttorat tal-Ippjanar fi ħdan dik l-Awtorità talab li jingħata direzzjoni mill-Bord tal-Awtorità dwar kif għandu jmexxi[33]. Jirriżulta li, b'deċiżjoni tat-28 ta' Mejju, 2008, dak il-Bord ordna lid-Direttorat tal-Ippjanar sabiex imexxi bis-*survey* fil-proprjetà tar-rikorrenti u dan fuq is-saħħa tas-setgħat mogħtija lill-uffiċjali tal-Awtorità bl-Artikolu 50 tal-Kapitolu 356 tal-Liġijiet ta' Malta[34];

Illi fuq inkarigu tad-Direttur tal-Ippjanar, b'ittra datata 19 ta' Ġunju, 2009[35], l-avukat tal-Awtorità kiteb lir-rikorrenti sabiex javżahom li, sat-8 ta' Lulju 2009, kellhom jgħarrfu lid-Direttur bid-dati li fihom kienu disposti li jsir l-aċċess ġewwa dik il-parti ta' ħwejjiġhom li l-uffiċjali tal-Awtorità ma kinux ingħataw aċċess għaliha. Fl-ittra, wissa lir-rikorrenti li, fin-nuqqas tal-kooperazzjoni min-

---

[23] Ara paragrafu 20 tal-affidavit ta' Ivan Fava, f'paġna 277 tal-proċess. Ara wkoll il-minuti tal-Kumitat Eżekuttiv tal-Awtorità intimata, 'Dok VBF9' u 'VBF10', f'paġni 159 u 161 tal-proċess, rispettivament.
[24] Ara 'Dok VBF9' f'paġna 159 tal-proċess.
[25] Ara l-kopja tal-applikazzjoni 'Dok VBF5', f'paġna 155 tal-proċess, kif ukoll 'Dok VBF16', f'paġni 170 u 171 tal-proċess.
[26] Ara x-xhieda ta' Victor Borg Fiorentino, f'paġna 138 tal-proċess.
[27] Ara x-xhieda ta' Mario Azzopardi f'paġna 129 tal-proċess, u Regolament 4 tal-Avviż Legali 71 tal-2007.
[28] Ara x-xhieda ta' Victor Borg Fiorentino, f'paġna 138 tal-proċess.
[29] Ara x-xhieda ta' Mario Azzopardi, f'paġna 129 tal-proċess.
[30] *Ibid*. F'paġna 130 tal-proċess. Ara wkoll ix-xhieda ta' Victor Borg Fiorentino, f'paġna 138 tal-proċess.
[31] Ara l-kontroeżami tar-rikorrent George Scerri f'paġna 52 tal-proċess, kif ukoll l-affidavit ulterjuri tal-istess rikorrent, f'paġni 94 u 95 tal-proċess.
[32] Ara 'Dok VBF9', f'paġna 159 tal-proċess.
[33] Ara x-xhieda ta' Victor Borg Fiorentino, f'paġna 138 tal-proċess, u l-minuti tal-laqgħa tat-3 ta' April, 2009, tal-Kumitat Eżekuttiv tal-Bord tal-Awtorità, 'Dok VBF9', f'paġna 159 tal-proċess.
[34] Ara 'Dok VBF10', f'paġni 161 u 162 tal-proċess.
[35] Ara 'Dok B', f'paġna 7 tal-proċess.

naħa tagħhom, l-Awtorità ma kien ser jifdlilha l-ebda għażla oħra għajr li titlob l-għajnuna tal-Pulizija Eżekuttiva u tidħol bil-forza ġewwa ħwejjiġhom għat-twettiq ta' dak is-*survey,* u dan b'riħet l-Artikolu 50 tal-Kap. 356 tal-Liġijiet ta' Malta. Jirriżulta li r-rikorrenti ma kitbux lura lill-Awtorità [36] u minflok, b'ittra datata 2 ta' Lulju, 2009[37], ressqu 'appell' quddiem il-Bord tal-Appelli dwar l-Ippjanar li bih ikkontestaw id-deċiżjoni tal-Awtorità intimata hekk kif mgħarrfa lilhom bl-ittra tad-19 ta' Ġunju, 2009. F'dak 'l-appell' minbarra li nsistew li l-Artikolu 50 tal-Kap 356 ma kienx jagħti lill-Awtorità l-jedd li tidħol ġewwa ħwejjiġhom, argumentaw li l-Awtorità ma kellhiex għalfejn twettaq dak is-*survey* ġewwa l-proprjetà tagħhom, u pprotestaw li dak is-*survey* kien qiegħed isir biss għall-benefiċċju ta' terzi. Fid-dawl ta' dan, talbu lill-Bord biex 'idawwar' id-deċiżjoni tal-Awtorità[38];

Illi fl-għodwa tat-Tnejn 20 ta' Lulju, 2009, l-uffiċjali tal-Awtorità, fosthom Charles Debattista u Mario Azzopardi (li kien imexxi d-dipartiment tas-*survey* tal-artijiet) marru fil-proprjetà tar-rikorrenti, assistiti mill-Ispettur Mario Tonna u minn żewġ kuntistabbli oħra[39]. Jidher li hekk kif ir-rikorrenti ġew mgħarrfa b'dak li kien ser isir mill-uffiċjali tal-Awtorità, opponew minnufih għal dak l-aċċess u dan billi insistew li kien hemm appell pendenti fuq il-kwestjoni, kif ukoll għaliex l-avukat tagħhom kien qed jagħtihom parir li l-Awtorità ma kellha l-ebda jedd li tidħol ġewwa ħwejjiġhom[40]. Għaddew xi telefonati bejn l-avukati tal-partijiet, u fl-aħħar l-avukat tal-Awtorità intimata ta struzzjoni lil Mario Azzopardi sabiex imexxu bis-*survey* irrispettivament mill-oppożizzjoni tar-rikorrenti[41];

Illi minn dan il-punt 'il quddiem il-verżjonijiet tal-partijiet ma jaqblux, u filwaqt li, min-naħa l-waħda, ir-rikorrent George Scerri jgħid li l-Ispettur Mario Tonna heddu li jekk ma kienx ser jiftaħ ix-xatba u jagħtihom aċċess minnufih, huwa kien ser jarrestah u jġib lin-nies biex jiftħu dik ix-xatba bil-forza[42], min-naħa l-oħra l-Ispettur Mario Tonna ċaħad li huwa b'xi mod jew ieħor hedded lir-rikorrent b'xi arrest jew li kienet ser tintuża l-forza. Dan tal-aħħar insista li huwa kien kellem lir-rikorrenti bil-kelma t-tajba u wara li fehemhom bil-kwiet li din kienet ordni uffiċjali, George Scerri qabad u fetħilhom ix-xatba minn jeddu biex jaċċedu[43]. L-Ispettur Tonna żied li l-unika darba li huwa uża l-kelma 'arrest', kien biss lejn l-aħħar tal-operazzjoni, u dan hekk kif ir-rikorrenti Edith Scerri ħarġet tgħajjat u tgħid kliem malafamanti kemm kontra l-uffiċjali tal-

[36] Ara x-xhieda ta' Mario Azzopardi, f'paġna 132 tal-proċess.
[37] Ara 'Dok Ċ', f'paġna 8 tal-proċess.
[38] *Ibid.*
[39] Ara l-affidavit ta' George Scerri f'paġna 28 tal-proċess, u r-rapport tal-Ispettur Mario Tonna, 'Dok MTA', f'paġna 26 tal-proċess.
[40] *Ibid.*
[41] *Ibid.*
[42] Ara l-affidavit ta' George Scerri, f'paġni 28 sa 32 tal-proċess, u l-kontroeżami tal-istess, f'paġna 53 tal-proċess.
[43] Ara r-rapport tal-ispettur Mario Tonna, 'Dok MTA', f'paġni 26 u 27 tal-proċess, kif ukoll ix-xhieda u l-kontro-eżami tal-istess spettur, f'paġni 34 sa 35 u 43 sa 48, rispettivament.

Awtorità kif ukoll kontra l-uffiċjali tal-Pulizija Eżekuttiva[44]. Hekk ukoll, l-Ispettur Tonna ċaħad li huwa b'xi mod hedded lir-rikorrent b'xi arrest meta dan ħa xi ritratti, u jirribatti li s-Sur Scerri tħalla jieħu r-ritratti f'kull ħin, u l-unika ħaġa li kien qallu biex ma jġibx il-wiċċ tal-pulizija jidher fir-ritratti[45]. Jirriżulta li l-ħidma li wasslet għal din it-tilwima damet b'kollox madwar seba' sigħat[46] u, eventwalment wara li temmew dak li kellu jsir, l-uffiċjali tal-Awtorità għaddew l-informazzjoni li ġabru waqt is-*survey* lid-dipartiment responsabbli mill-PC23/08[47];

Illi din il-kawża tressqet fil-31 ta' Lulju, 2009, u fuq talba mhux opposta mill-Awtorità intimata, il-Qorti ordnat li sakemm tkun għadha miexja l-kawża, l-Awtorità ma tieħu jew twettaq l-ebda passi ulterjuri dwar l-applikazzjoni PC23/08, u dan lil hemm milli kien sar sa dakinhar[48];

Illi sakemm kienet miexja l-kawża, u sewwasew fit-13 ta' Awwissu, 2012, l-Awtorità ressqet applikazzjoni għal kontroll tal-ippjanar oħra, li ġġib in-numru ta' referenza PC12/12, u li kienet tieqaf sa fejn tibda l-proprjetà tar-rikorrenti[49]. Għalkemm din l-applikazzjoni ġiet approvata, u wasslet sabiex infetħet triq sa quddiem dawk l-artijiet li kienu ilhom li ngħataw permess sa mill-2007 u 2008, l-uffiċjali tal-Awtorità xehdu li l-ftuħ ta' triq hekk kif proposta fil-PC23/08 għadha xorta waħda meħtieġa u dan kemm għall-aċċess itjeb mill-vetturi kbar, li bħalissa qed ikollhom idawwru f' *'turning circle'* temporanju li sar fuq struzzjonijiet tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta, kif ukoll sabiex is-sistemi tad-drenaġġ tar-residenzi l-ġodda jkunu jistgħu jitqabbdu mas-sistema tad-drenaġġ tal-pajjiż, u b'hekk jitneħħew il-fosos temporanji li kellhom jitħaffru fit-triq[50], ladarba ma setgħux jitqabbdu mas-sistema ta' drenaġġ li kienet tgħaddi minn fuq l-art tar-rikorrenti;

Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta' natura legali li jolqtu l-każ tal-lum, jista' jingħad li l-ilmenti tar-rikorrenti jintrabtu mal-fatt li l-uffiċjali tal-Awtorità intimata daħlu ġewwa ħwejjiġhom biex iwettqu *survey* topografiku u dan fi żmien li matulu huma kellhom appell pendenti quddiem il-Bord tal-Appelli dwar l-Ippjanar sabiex jikkontestaw id-deċiżjoni tal-Awtorità, hekk kif mgħarrfa lilhom bl-ittra tad-19 ta' Ġunju, 2009. Skont ir-rikorrenti dan wassal biex huma ma ngħataw qatt opportunità xierqa sabiex jikkontestaw id-deċiżjoni tal-Awtorità intimata, u minħabba f'hekk qed jgħidu li ġarrbu ksur tal-jedd għal smigħ xieraq hekk kif imħares fl-Artikoli 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni. B'żieda ma' dan, ir-rikorrenti qed jisħqu li l-Awtorità

---

[44] *Ibid.* f'paġna 46 tal-proċess.
[45] *Ibid.*
[46] Ara l-kontroeżami tal-Ispettur Mario Tonna, f'paġna 49 tal-proċess.
[47] Ara x-xhieda ta' Victor Borg Fiorentino, f'paġna 140 tal-proċess.
[48] F'paġna 24 tal-proċess.
[49] Ara x-xhieda ta' Victor Borg Fiorentino, f'paġni 187 u 188 tal-proċess, kif ukoll Dok VBF 15 sa VBF19, f'paġni 167 sa 182 tal-proċess.
[50] Ara x-xhieda ta' Victor Borg Fiorentino, f'paġna 189 tal-proċess, u l-affidavit ta' Ivan Fava, f'paġni 277 u 278 tal-proċess.

intimata ma kellhiex il-jedd jew is-setgħa li twettaq *survey* topografiku ġewwa ħwejjiġhom, u peress li, fi kliemhom, il-Pulizija lanqas imqar stħarrġu jekk l-Awtorità kellhiex tassew dak il-jedd, ir-rikorrenti qed iqisu li l-intimati abbużaw mis-setgħat mogħtija lilhom bil-liġi u minħabba f'hekk ġarrbu ksur tal-jedd għat-tgawdija paċifika ta' ħwejjiġhom skont kif imħares bl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni. Marbut sfiq ma' dan l-ilment, ir-rikorrenti qed jinsistu li s-*survey* topografiku seta' jsir banda oħra, u li f'kull każ sar fl-interess ta' terzi u mhux fl-interess pubbliku. Ir-rikorrenti qed iserrħu wkoll fuq rapport ta' perit *ex parte*[51] li fih jingħad li l-bini ta' triq li tgħaddi minn ġewwa ħwejjiġhom skont PC23/08 ser ikun qiegħed jikser bosta mill-*policies* tal-Awtorità intimata nnifisha. Fuq is-saħħa t'hekk ir-rikorrenti qed jargumentaw li la l-iżvilupp tat-triq u wisq anqas is-*survey* topografiku ma kellhom jiġu kkonsidrati mill-Awtorità;

Illi, min-naħa tagħhom, l-intimati qed jgħidu, għal raġuni jew oħra, li r-rikorrenti ma jistgħu jilmentaw mill-ebda ksur tal-jeddijiet tagħhom dwar it-tgawdija ta' ġidhom jew inkella minn xi ksur tal-jedd għal smigħ xieraq;

Illi qabel ma l-Qorti tgħaddi biex tistħarreġ il-mertu tal-azzjoni tar-rikorrenti, jidhrilha xieraq u meħtieġ li tistħarreġ **l-ewwel u t-tieni eċċezzjonijiet preliminari tal-Kummissarju** intimat. Dawn l-eċċezzjonijiet ma ntlaqtux bis-sentenza preliminari, u billi l-imsemmi intimat baqa' ma rtirahomx, il-Qorti jkollha tqishom f'din is-sentenza;

Illi fl-**ewwel eċċezzjoni preliminari,** il-Kummissarju intimat qed iqajjem id-difiża li l-Avukat Ġenerali baqa' ma ġiex notifikat kif jitlob l-artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Mingħajr ma hemm għalfejn li jingħad ħafna, il-Qorti tqis li din l-eċċezzjoni hija fiergħa u ngħatat għal xejn b'xejn. Huwa mifhum li n-nuqqas ta' notifika lill-Avukat Ġenerali – illum l-Avukat tal-Istat – ma twaqqafx il-mixi tal-proċeduri kontra dipartimenti jew organi tal-Gvern, sakemm dawn iwieġbu għall-kawża fiż-żmien mitlub fil-liġi[52]. F'dan il-każ, l-Awtorità intimata wieġbet għall-kawża fl-1 ta' Settembru, 2009[53], filwaqt li l-Kummissarju ressaq tweġiba fl-14 ta' Settembru, 2009[54]. Mat-tressiq tat-tweġiba tal-Kummissarju, il-proċeduri bil-miktub ingħalqu[55] u l-kawża setgħet timxi mingħajr ma kellu għalfejn jiġi notifikat l-Avukat Ġenerali. Terġa' u tgħid li f'dan il-każ il-Kummissarju wieġeb għal din il-kawża billi nqeda bis-servizzi ta' avukat li taħdem fl-Uffiċju tal-Avukat Ġenerali, u għalhekk, ukoll

[51] F'paġni 96 sa 117 tal-proċess.
[52] App. Sup. **17.02.2006** fil-kawża fl-ismijiet ***Fiorino d'Oro Co. Ltd v. Direttur tat-Toroq*** (App. 1781/2001/1) u App. Inf. **26.06.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Daham Al Hamed v. Uffiċjal Prinċipali ta' l-Immigrazzjoni*** (App. 14/2009PS).
[53] F'paġni 12 sa 14 tal-proċess.
[54] F'paġni 16 u 17 tal-proċess.
[55] Artikolu 158(12) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

mil-lat fattwali, ma jistax jingħad li l-Avukat Ġenerali ma kienx jaf bil-kawża[56]. L-ewwel eċċezzjoni m'hijiex għalhekk siewja, u qed tkun miċħuda;

Illi fit-**tieni eċċezzjoni preliminari** l-Kummissarju intimat qiegħed imbagħad iqajjem id-difiża li mhuwiex il-leġittimu kontradittur għall-azzjoni tar-rikorrenti u fuq is-saħħa ta' hekk qed jgħid li għandu jinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju. F'dan ir-rigward, il-Kummissarju qiegħed jargumenta li hija l-Awtorità tal-Ippjanar li ddeċidiet li jkun hemm aċċess ġewwa l-proprjetà tar-rikorrenti sabiex jitwettaq *survey* topografiku. Ikompli billi jisħaq li l-uffiċjali tiegħu marru biss fuq il-post fuq talba tal-istess Awtorità, u dan bil-għan waħdieni li jżommu l-ordni u l-paċi pubblika waqt l-aċċess. Jgħid li, fl-aħħar mill-aħħar, hija l-Awtorità intimata li hija unikament responsabbli mill-proċess kollu li qed jilmentaw dwaru r-rikorrenti u li huwa mhux talli m'huwiex l-awtorità kompetenti sabiex jordna li jsiru aċċessi jew inkella li jagħmel jew jevalwa s-*surveys,* iżda wkoll lanqas ma kien involut fil-proċeduri tal-appell imsemmija mir-rikorrenti u mniedi minnhom;

Illi min-naħa tagħhom, ir-rikorrenti ma wieġbu xejn partikolari fis-sottomissjonijiet tagħhom dwar din l-eċċezzjoni u, minflok, issottomettew dwar kif il-Pulizija naqset milli tisħarreġ jekk l-Awtorità intimata kellhiex tabilħaqq il-jedd li tidħol fi ħwejjiġhom, u dwar kif il-Pulizija naqset milli taġixxi b'mod ġust u imparzjali magħhom, billi ma tatx każ tal-ilmenti tagħhom u qagħdet biss fuq il-kelma tal-Awtorità intimata. Skont ir-rikorrenti, dan wassal biex il-Pulizija kienet kompliċi f'dak li qed isejħulu bħala 'att ta' abbuż ta' setgħa', li wassal għall-ksur tal-jeddijiet fundamentali tagħhom;

Illi l-Qorti tqis li l-kwistjoni ta' min għandu jwieġeb għal xilja ta' ksur ta' jedd fondamentali tintrabat sewwa mal-għamla tal-ksur li jkun qiegħed jiġi allegat mir-rikorrenti, kif ukoll mal-għamla ta' rimedju li jkun jista' jingħata. Ilu żmien li l-Qrati tagħna għarfu din ir-rejaltà u għalhekk sawru d-distinzjonijiet meħtieġa applikabbli għall-biċċa l-kbira mill-każijiet. Għalhekk, illum il-ġurnata jingħarfu kategoriji differenti ta' persuni li jistgħu jitqiesu bħala leġittimi kuntradituri f'azzjonijiet kostituzzjonali. Dawn jinqasmu fi tliet kategoriji, jiġifieri (a) dawk li jridu jwieġbu direttament jew indirettament għall-għamil li allegatament jikser id-dritt fundamentali ta' persuna, (b) dawk li jridu jagħmlu tajjeb (billi jipprovdu r-rimedju xieraq) għan-nuqqasijiet jew l-egħmejjel li bihom ħaddieħor jikser xi jedd fundamentali ta' xi ħadd, u (ċ) dawk il-partijiet kollha li jkunu f'kawża meta kwestjoni ta' xejra kostituzzjonali jew konvenzjonali tqum waqt is-smigħ ta' xi kawża f'qorti[57]. Ma' dawn, u dejjem jekk ikollhom interess fil-kawża, jistgħu jiddaħħlu persuni oħrajn bil-għan li jagħmlu sħiħ il-ġudizzju u jagħmluh rappreżentattiv ta' kull interess involut fil-kwestjoni;

---

[56] Ara b'eżempju, App. Inf. **1.12.2017** fil-kawża fl-ismijiet ***Edmond Azzopardi v. Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali*** (App. 3/2017AE), u App. Inf. **2.3.2017** fil-kawża fl-ismijiet ***Mohammed Masood v. Direttur taċ-Ċittadinanza u tal-Expatriates*** (App. 7/2017AE).
[57] Kost. **7.12.1990** fil-kawża fl-ismijiet ***Abela v. Onor. Prim Ministru et*** (Kollez. Vol: **LXXIV.i.261**); u Kost. **6.8.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Mary Vella et v. Kummissarju tal-Pulizija et.***

Illi dwar min imissu jwieġeb għall-għemil li allegatament ikun wassal għat-tkasbir tal-jeddijiet fondamentali tar-rikorrenti, il-Qorti tagħraf li dan jiddependi ħafna u b'mod ewlieni mill-premessi li fuqhom ikun inbena r-rikors promotur. Meta wieħed jara fuq liema ħwejjeġ ir-rikorrenti qed isejsu l-ilmenti tagħhom, isib li jidher ċar li r-rikorrenti mhumiex qed jilmentaw biss mid-deċiżjoni tal-Awtorità intimata li twettaq *survey* ġewwa ħwejjiġhom, u dan fl-isfond tal-applikazzjoni għal kontroll tal-ippjanar bir-referenza PC23/08, iżda wkoll dwar dak kollu li seħħ fil-jum tal-20 ta' Lulju 2009. M'hemmx kontestazzjoni li, dakinhar li sar is-*survey*, l-uffiċjali tal-Awtorità kienu akkumpanjati mill-uffiċjali tal-Korp tal-Pulizija u ladarba r-rikorrenti qegħdin iqisu li kemm l-aġir tal-uffiċjali tal-Awtorità intimata, kif ukoll l-imġiba tal-Pulizija wasslu biex kasbrulhom il-jeddijiet fundamentali tagħhom, il-Qorti jidhrilha li r-rikorrenti għamlu sewwa li ħarrku wkoll lill-Kummissarju tal-Pulizija. Il-kwestjoni dwar jekk l-għemil tal-Pulizija wassalx biex kasbar il-jeddijiet fundamentali tar-rikorrenti hija mbagħad ħaġa oħra li l-Qorti għad trid tistħarreġ aktar 'il quddiem, però ladarba mad-daqqa t'għajn jidher li l-Pulizija kienu materjalment parti fil-ġrajjiet li qed jilmentaw dwarhom ir-rikorrenti, il-Kummissarju ma jistax jippretendi li m'għandux iwieġeb għax-xiljiet tar-rikorrenti;

Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti ssib li t-tieni eċċezzjoni preliminari lanqas m'hija tajba, u la ma fadal l-ebda eċċezzjonijiet oħra ta' sura preliminari, il-Qorti ser tgħaddi minnufih biex tqis il-mertu tal-ilmenti tar-rikorrenti;

Illi għal dak li jirrigwarda **l-mertu tal-azzjoni**, kif rajna, ir-rikorrenti qed isejsu l-azzjoni tagħhom fuq il-premessa li l-għemil tal-intimati, jew ta' min minnhom, wassalhom biex ġarrbu ksur tal-jedd fundamentali tagħhom għat-tgawdija ta' ħwejjiġhom u dan kemm taħt l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, kif ukoll taħt l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni. Barra minn hekk, ir-rikorrenti qiegħdin jilmentaw ukoll minn ksur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni;

Illi sa fejn għandhom x'jaqsmu l-ilmenti tar-rikorrenti dwar il-**ksur tal-jedd għat-tgawdija bil-kwiet ta' ħwejjiġhom**, il-Qorti tqis li l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, ma jistgħux jitpoġġew fl-istess keffa, u għalhekk il-Qorti ser tkun qed tistħarreġ l-ilmenti tar-rikorrenti fid-dawl ta' dawn l-artikoli b'mod separat;

Illi sa fejn għandhom x'jaqsmu l-ilmenti tar-rikorrenti dwar il-ksur tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, il-Qorti tqis li, b'differenza għall-artikolu konvenzjonali li jħares it-tgawdija paċifika tal-"possedimenti" ta' dak li

jkun, l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni jitkellem biss dwar it-teħid b'mod obbligatorju tal-pussess ta' proprjetà jew inkella l-kisba b'mod obbligatorju ta' xi interess jew jedd fuq proprjetà ta' kull xorta li tkun[58]. Minħabba f'hekk, sabiex iqanqlu ilment taħt l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, ir-rikorrenti kellhom qabel xejn juru li xi ħadd mill-imħarrkin ħa b'mod obbligatorju l-pussess tal-ġid tagħhom jew inkella kiseb b'mod obbligatorju xi interess jew dritt fuq dak il-ġid[59];

Illi għandu jingħad mal-ewwel li fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, ma ttieħdet l-ebda deċiżjoni biex l-art tar-rikorrenti ma tibqax f'idejhom. Lanqas ma tnedew xi proċeduri biex l-Istat jieħu dak il-ġid jew xi parti minnu mingħand ir-rikorrenti. Kulma sar huwa *survey* topografiku fl-ambitu ta' applikazzjoni għal kontroll tal-ippjanar (PC23/08) li, fl-aħħar mill-aħħar, għadha lanqas biss ġiet approvata mill-Bord tal-Awtorità intimata. Hekk ukoll, ma jistax jingħad li xi wieħed mill-intimati kiseb b'mod obbligatorju xi interess milli r-rikorrenti jgawdu fuq ħwejjiġhom. Ma' dan għandu jingħad ukoll li anke kieku stess il-PC23/08 kellha tkun approvata, l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni xorta waħda ma setax ikun ta' xi kenn għar-rikorrenti u dan għaliex dak l-artikolu ma jħarisx lill-individwu mit-tgawdija ħielsa ta' ħwejġu, bħalma jagħmel l-artikolu konvenzjonali[60];

Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti qed tasal għall-fehma li r-rikorrenti ma jistgħux jilmentaw li ġarrbu ksur tal-jedd tagħhom kif imħares bl-artikolu msemmi tal-Kostituzzjoni. Kull talba tar-rikorrenti f'dan ir-rigward ser tkun għalhekk qed tiġi miċħuda;

Illi f'dak li jirrigwarda <u>l-ksur allegat taħt l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni</u>, il-kwestjoni tieħu mbagħad xejra oħra, u dan għaliex f'dan il-każ huwa biżżejjed għar-rikorrenti li juru li ġarrbu xi tfixkil fit-tgawdija bil-kwiet ta' ħwejjiġhom[61];

Illi wieħed għandu però jżomm f'moħħu li l-jedd ta' persuna għat-tgawdija bil-kwiet ta' ħwejjiġha taħt l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll mhuwiex xi wieħed assolut. Kemm hu hekk, kif ilu jingħad u kif ilu stabbilit[62], dan l-Artikolu huwa ġabra ta' tliet (3) regoli msenslin waħda mal-oħra, li għandhom jinftehmu b'qari ma' xulxin. L-ewwel regola hija dik ġenerali li tistabilixxi l-jedd ta' kull persuna (kemm fiżika u kif ukoll morali) li tgawdi ħwejjiġha bil-kwiet. It-tieni regola, titlob li biex persuna ma titħalliex tgawdi ħwejjiġha bil-kwiet irid ikun hemm interess pubbliku u bla ħsara ta'

[58] Kost. **12.01.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Avv. Dr. Joseph Brincat noe. v. Direttur tas-Sigurtà Soċjali et.***
[59] Kost. **25.02.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Lay Lay Co. Ltd. v. L-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent et.***
[60] Kost. **30.4.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Mintoff v. Prim Ministru et.*** (Kollez. Vol: **LXXX.i.206**).
[61] Q.E.D.B. **23.04.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Phocas v. Franza***, (Applik. Nru. 17869/91), §52.
[62] Sa mis-sentenza Q.E.D.B. **23.9.1982** fil-kawża fl-ismijiet ***Sporrong & Lonnroth v. Svezja*** (Applik. Nru. 7151/75) § 61.

kundizzjonijiet maħsuba fil-liġi u l-prinċipji ġenerali ta' dritt internazzjonali. It-tielet regola, imbagħad trid li l-ewwel żewġ regoli ma jnaqqsux il-jedd tal-Istat li jwettaq liġijiet li jkunu xierqa biex (a) jikkontrolla l-użu tal-ġid skont l-interess ġenerali, jew (b) biex jiżgura l-ħlas ta' taxxi, kontribuzzjonijiet jew pwieni;

Illi daqskemm il-jedd għat-tgawdija bil-kwiet tal-possedimenti mhuwiex xi wieħed assolut, daqstant ieħor però li ma jistax jiġi mfixkel mill-Istat kif ġieb u laħaq. Tabilħaqq, minn qari flimkien tat-tliet regoli li għadhom kif issemmew, joħroġ li sabiex it-tfixkil fit-tgawdija tal-possedimenti jkun kompatibbli mal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, dak it-tfixkil għandu jkun: (a) imwettaq fil-kuntest ta' qafas legali, (b) għal għan leġittimu, u (ċ) proporzjonat, fis-sens li jżomm bilanċ xieraq bejn l-interessi ġenerali tal-komunità u dawk ta' min ikun milqut bit-tfixkil fit-tgawdija paċifika ta' ħwejġu[63];

Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, ir-rikorrenti qed jilmentaw minn tfixkil fit-tgawdija bil-kwiet ta' ħwejjiġhom wara li l-Awtorità intimata ddeċidiet li twettaq, u eventwalment wettqet, ġewwa l-ġid tagħhom fl-iMtarfa, *survey* topografiku, kontra xewqithom, u dan fil-qafas ta' applikazzjoni għall-kontroll tal-ippjanar li fiha l-Awtorità qed tipproponi l-iskedar ta' triq li biċċa minna tgħaddi minn fuq l-art tar-rikorrenti. Skont ir-rikorrenti, la din l-applikazzjoni dwar il-kontroll tal-ippjanar, u wisq aktar is-*survey* topografiku ma saru fl-ambitu ta' qafas legali jew inkella fl-interess ġenerali, u għalhekk qed iqisu li ġarrbu ksur tal-jedd għat-tgawdija bil-kwiet ta' ħwejjiġhom;

Illi sa fejn għandu x'jaqsam mal-kwestjoni dwar jekk l-għemil tal-intimati twettaqx f'qafas legali, ir-rikorrenti qegħdin fost affarijiet oħra, iserrħu fuq rapport ta' perit *ex parte*[64] li fih jingħad li l-iskedar ta' triq hekk kif proposta fil-PC23/08 tikser għadd ta' *policies* tal-Awtorità, u li b'hekk dik il-proposta għandha tiġi miċħuda. Skont ir-rikorrenti, din il-konklużjoni tfisser li l-Awtorità intimata ma kien messha qatt ikkunsidrat li tniedi dik l-applikazzjoni, aħseb u ara kemm issegwiha b'*survey* topografiku ġewwa ħwejjiġhom. Ir-rikorrenti qed jilmentaw ukoll li l-Awtorità ma kellha l-ebda jedd fil-liġi li tidħol ġewwa ħwejjiġhom biex twettaq dak is-*survey* topografiku u li b'hekk dak kollu li seħħ fil-20 ta' Lulju 2009 ġewwa ħwejjiġhom ma twettaqx f'kuntest ta' qafas legali. Jippuntaw subgħajhom ukoll lejn il-Kummissarju intimat u jisħqu li l-uffiċjali tiegħu naqsu milli jistabilixxu jekk l-aċċess mir-rappreżentanti tal-Awtorità kienx wieħed skont il-liġi u minħabba f'hekk qed jargumentaw li l-Pulizija kienet 'parteċipi fl-abbuż ta' poter', u dan ukoll billi bl-għemil tagħha nisslet biża' reali ta' arrest fl-imħuħ tar-rikorrenti u li minħabba f'hekk ċedew għat-talba tal-uffiċjali tal-awtorità;

---

[63] Q.E.D.B. **5.1.2000** fil-kawża fl-ismijiet ta' ***Beyeler v. Italja*** (Applik, Nru. 33202/96) §§ 108-114.
[64] F'paġni 96 sa 117 tal-proċess.

Illi l-Awtorità intimata tirribatti li l-jedd li tidħol ġewwa ġid privat sabiex tkun tista' taqdi l-funzjonijiet tagħha, fosthom dawk biex twettaq *survey*, huma mnaqqxa fil-liġi, u sewwasew fl-Artikoli 50 u 16A tal-Kap. 356, li kien fis-seħħ meta seħħet il-ġrajja li wasslet għal din il-kawża. Ingħad ukoll li l-jedd tal-Awtorità li tniedi applikazzjoni għal kontroll tal-ippjanar joħroġ minn regolament 6 tal-Avviż Legali 71 tal-2007[65], filwaqt li l-ħtieġa li twettaq *survey* topografiku jirriżulta minn Regolament 4(4)(a) ta' dak l-istess Avviż Legali;

Illi, min-naħa tiegħu, il-Kummissarju intimat wieġeb li fil-jum tal-20 ta' Lulju, 2009, huwa kien fuq il-post fuq talba tal-Awtorità intimata u dan biex l-uffiċjali tagħha setgħu jaqdu dmirijiethom li joħorġu mil-liġi. Jgħid li l-għajnuna tal-Pulizija kienet mitluba bil-għan li jżommu l-paċi pubblika, l-ordni, kif ukoll sabiex iħarsu lill-uffiċjali tal-Awtorità minn xi deni. Iżid li l-uffiċjali tiegħu dejjem aġixxew fil-qafas tal-liġi u jisħaq li hija l-liġi stess li tagħti l-jedd lill-Pulizija li tarresta lil kull min xjentement, jew wara twissija xierqa, ifixklu fil-qadi ta' dmirijietu jew inkella ma jobdix l-ordnijiet tiegħu. Fid-dawl ta' dan jissottometti li imbilli setgħet f'xi ħin tlissnet il-kelma 'arrest' jew ingħatat xi twiddiba lir-rikorrenti, dan ma jfissirx li tkasbru l-jeddijiet fundamentali tal-istess rikorrenti;

Illi l-Qorti taqbel għal kollox mal-intimati li dak kollu li qed jilmentaw dwaru r-rikorrenti twettaq f'qafas legali u għalhekk bis-saħħa tal-liġi. Jibda billi jingħad li fiż-żmien li fih feġġet din it-tilwima, l-Artikolu 5(1)(ċ) tal-Kap. 356 tal-Liġijiet ta' Malta, kien jipprovdi li waħda mill-funzjonijiet ewlenin tal-Awtorità intimata hija "*li tagħmel kartografiji nazzjonali, inkluż li tagħmel surveys ta' l-art ta' arei speċifiċi*"[66]. Il-liġi ma kinitx tieqaf hawn, u fl-Artikolu 16A tal-Kap 356, kienet tipprovdi li kull uffiċjal awtorizzat mill-Awtorità għandu s-setgħa li jaċċedi f'kull post, sew jekk pubbliku sew jekk privat, u dan bil-għan li jaqdi xi funzjoni tal-Awtorità li hija stabbilita bil-liġi. B'mod aktar speċifiku, l-Artikolu 50 tal-istess Kap 356, kien ukoll jagħti lil kull uffiċjal jew impjegat tal-Awtorità, hekk awtorizzat mill-Awtorità, li jidħol fi kwalunkwe proprjetà u dan għal diversi għanijiet, fosthom dak tat-twettieq ta' "*survey*". Mill-ġabra tal-provi jirriżulta li l-aċċess ġewwa l-ġid tar-rikorrenti twettaq biss bil-għan li jsir *survey* topografiku, u dan wara li kien awtorizzat mill-Bord tal- Awtorità[67]. Ma jistax għalhekk jingħad li l-uffiċjali tal-Awtorità aċċedew ġewwa ħwejjeġ ir-rikorrenti mingħajr ma kellhom is-setgħa mil-liġi nnifisha li jagħmlu hekk;

Illi sa fejn imbagħad għandu x'jaqsam mal-għemil tal-Awtorità li tniedi minn rajha l-applikazzjoni għal kontroll tal-ippjanar PC23/08, li tressqet

---

[65] Regolamenti dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp (L.S. 552.07)
[66] Setgħa llum mogħtija lill-Kunsill Eżekuttiv taħt l-artt. 38(1)(e) u 44(4)(f) tal-Kap 552
[67] Ara: (i) ix-xhieda ta' Victor Borg Fiorentino f'paġna 138 tal-proċess; (ii) ix-xhieda ta' Mario Azzopardi, f'paġna 133 tal-proċess; (iii) 'Dok MA1', f'paġna 123 tal-proċess, u (iv) 'Dok VBF10', f'paġna 161 tal-proċess.

bil-għan li tintroduċi mill-ġdid "*the U-shape road to respect the former scheme alignments and levels*"[68], il-Qorti tqis li hawnhekk ukoll l-Awtorità intimata mxiet f'qafas legali. Tabilħaqq, il-faċċata tal-applikazzjoni PC23/08[69] hija xiehda biżżejjed tal-fatt li l-Awtorità ressqet dik l-applikazzjoni fuq is-saħħa ta' regolament 6 tal-Avviż Legali 71 tal-2007. Minn ħarsa lejn dak ir-Regolament jidher ċar li l-Awtorità hija mogħnija bis-setgħa li tagħmel bidliet fl-allinjament ta' toroq u binjiet, fl-allinjament uffiċjali, jew fil-Pjanijiet Sussidjarji, b'dan illi biex tkun tista' tagħmel hekk, hija għandha ssegwi l-proċedura msemmija f'Regolament 5 ta' dak l-istess Avviż Legali, u sewwasew billi tniedi applikazzjoni għal kontroll tal-ippjanar. Huwa sewwasew dan li għamlet l-Awtorità u għalhekk lanqas ma jista' jingħad li t-tnedija tal-PC23/08 ma saritx f'qafas legali;

Illi, f'qafas bħal dan, il-Qorti tqis li l-fehmiet tal-perit *ex parte* li qed jistrieħu fuqhom ir-rikorrenti huma, b'kull rispett, għal kollox irrelevanti għall-mertu ta' din it-tilwima. Ir-rapport tal-perit *ex parte* ma jmerix il-fatt li l-Awtorità kellha s-setgħa li tniedi minn rajha l-applikazzjoni PC23/08, jew li twettaq is-*survey* fi ħwejjeġ ir-rikorrenti. Dak li qed jgħid huwa biss li skont il-*policies* tal-Awtorità, il-PC23/08 m'għandhiex tkun approvata. Fil-fehma tal-Qorti, hemm baħar jaqsam bejn il-fatt tat-tnedija tal-applikazzjoni u l-approvazzjoni tal-istess applikazzjoni, u għalhekk il-konsiderazzjonijiet li qed iqajjem l-għaref perit *ex parte* maħtur mir-rikorrenti jistgħu u għandhom jkunu mistħarrġa biss fl-istadju tal-evalwazzjoni tal-PC23/08. Fuq kollox, huwa għal dik ir-raġuni li jitwettaq il-proċess tal-applikazzjoni għal kontroll tal-ippjanar, u dan sabiex ikun jista' jiġi mgħarbul kollox u tittieħed deċiżjoni fl-aqwa interess tal-ippjanar siewi;

Illi l-Qorti għandha l-istess fehma fir-rigward tal-għemil tal-uffiċjali tal-Pulizija fil-jum tal-20 ta' Lulju, 2009 dakinhar li sar is-*survey*. Mill-provi jirriżulta li Pulizija Eżekuttiva akkumpanjaw lill-uffiċjali tal-Awtorità fuq talba ta' dawn tal-aħħar, u dan bil-għan li tinżamm l-ordni, il-kwiet pubbliku, kif ukoll għall-ħarsien ta' dawk l-istess uffiċjali. Bilkemm hemm għalfejn jingħad li hija l-liġi stess li tistabilixxi li huwa dmir ewlieni tal-Pulizija li żżomm l-ordni u l-kwiet pubbliku u li ma tħallix li jsiru reati[70]. Huwa sewwasew dan li kienu qed jagħmlu l-uffiċjali tal-Pulizija fil-jum tal-20 ta' Lulju, 2009, u fuq hekk biss, l-għemil tal-Pulizija għandu jitqies li twettaq ukoll f'qafas regolatorju legali. Il-Qorti tosserva wkoll li l-artikolu 50 tal-Kap. 356 stess kien jirreferi għall-aċċess "*bl-assistenza tal-Korp tal-Pulizija*"[71] u għalhekk, anke b'dak l-artikolu, il-Pulizija setgħet taċċedi flimkien mal-uffiċjali awtorizzati mill-Awtorità intimata. Sa fejn imbagħad ir-rikorrenti qed jilmentaw li l-imġiba tal-Pulizija nisslet fihom

---

68 'Dok VBF5', paġ. 155 tal-proċess.
69 *Ibid*. Ara wkoll ix-xhieda ta' Victor Borg Fiorentino f'paġna 144 tal-proċess.
70 Art. 346(1) tal-Kap. 9.
71 Ara art. 94(1)(a) tal-Kap 552 li jipprovdi wkoll li dan l-aċċess jista' jitwettaq "jekk ikun meħtieġ hekk mill-Kunsill Eżekuttiv bl-assistenza tal-Korp tal-Pulizija"

biża' ta' arrest, il-Qorti tqis li hawnhekk ukoll, it-twiddib mill-Pulizija sar f'qafas legali, u dan għaliex il-Pulizija għandhom il-jedd li jarrestaw lil kull min ifixkilhom fil-qadi ta' dmirijiethom u li jwissu minn qabel dwar il-konsegwenzi ta' dan[72];

Illi marbut sfiq mal-prinċipju tal-legalità, hemm ukoll il-prinċipju li l-qafas legali li fuqu jaġixxu l-organi tal-Istat għandu jkun wieħed aċċessibbli, preċiż u prevedibbli[73]. Bla dubju ta' xejn, id-dispożizzjonijiet imsemmija fil-paragrafi ta' qabel dan kienu jiffurmaw parti integrali mil-liġijiet ta' Malta, li huma ppubblikati u faċilment aċċessibbli għal kulħadd, anke bil-mezz tal-*internet.* Fil-fehma tal-Qorti, l-artikoli tal-liġi li fuqhom aġixxew l-imħarrkin huma wkoll preċiżi u prevedibbli, għaliex minn qari oġġettiv tagħhom jidher biċ-ċar kif l-Awtorità intimata għandha l-funzjoni li twettaq *surveys* topografiċi, kemm ġewwa artijiet pubbliċi kif ukoll dawk privati. Il-liġi tagħmilha wkoll ċara li l-uffiċjali tal-Awtorità intimata għandhom, fl-aħħar mill-aħħar, il-jedd li jaċċedu ġewwa proprjetajiet privati, sabiex iwettqu l-funzjonijiet tal-Awtorità li fosthom jinkludu s-*surveys* tal-art ta' oqsma speċifiċi, u li kull min ifixkilhom f'dak l-aċċess ikun ħati ta' reat, b'piena stabbilità fil-liġi. Żgur li għalhekk ma kellux ikun imprevist għar-rikorrenti, li jekk kienu ser jibqgħu jwebbsu rashom u jopponu li jagħtu aċċess lill-uffiċjali tal-Awtorità biex iwettqu s-*survey*, l-Awtorità setgħet twettaq dak l-aċċess bil-forza. L-element tal-legalità huwa għalhekk sodisfatt;

Illi raġuni ewlenija oħra għalfejn ir-rikorrenti qegħdin jinsistu li l-aċċess ġewwa ħwejjiġhom kasbrilhom il-jedd għat-tgawdija fil-kwiet ta' ħwejjiġhom, hija li s-*survey* ma twettaqx fl-interess pubbliku, iżda biss għall-benefiċċju ta' terzi. Ir-rikorrenti qed isejsu dan l-argument fuq il-premessa li s-*survey* li wassal għal din it-tilwima twettaq b'konsegwenza tal-applikazzjoni għal kontroll tal-ippjanar PC23/08, u li din tal-aħħar tnediet biss minħabba dawk il-permessi li nħarġu fuq l-art biswit tagħhom[74]. Skont ir-rikorrenti, is-*survey* sar għalhekk fl-interess waħdieni ta' dawk li favurihom inħarġu l-permessi ta' żvilupp li wasslu għat-tnedija tal-PC23/08. Marbut sfiq ma' dan, ir-rikorrenti qed iressqu l-argument li t-triq hekk kif proposta fl-applikazzjoni PC23/08 mhijiex ser tkun ta' xi benefiċċju għall-pubbliku in ġenerali, għall-immaniġġjar tat-traffiku jew inkella għal xi għan nobbli ieħor, u dan għaliex it-triq imfassla ser tkun qiegħda tagħti għal Triq l-iMtarfa, li diġà hemm aċċess għaliha xi ħamsin metru 'l isfel. Jinsistu għalhekk li l-formazzjoni tat-triq hekk kif proposta bl-applikazzjoni PC23/08, m'hijiex ser tkun fl-interess pubbliku u hija biss għal benefiċċju tal-privat, u sewwasew ta' dawk il-proprjetarji tal-art biswit tagħhom;

---

[72] Art. 355X(3) tal-Kap. 9.
[73] Q.E.D.B. **8.07.1986**, fil-kawża fl-ismijiet ta' ***Lithgow and Others v. Ir-Renju Unit,*** (Applik. Nru. 9405/81) §110.
[74] Dawn il-permessi huma mmarkati bl-aħmar fuq 'Dok VBF14', f'paġna 166 tal-proċess.

Illi fil-qafas ta' dawn l-ilmenti, għandu jingħad li l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni jirreferi għall-interess pubbliku jew ġenerali, u mhux għas-skop pubbliku[75]. Huwa wkoll mifhum li biex l-indħil fit-tgawdija tal-ġid ta' persuna jkun ġustifikat fl-interess ġenerali jew pubbliku, irid jintwera li hemm utilità konkreta għal dak l-indħil, u mhux sempliċi ipotesi ta' bżonn jew aspirazzjoni[76];

Illi mill-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża l-Qorti ssib li f'dan il-każ, l-Awtorità intimata rnexxielha tassew tipprova l-utilità konkreta, kemm fit-twettiq tas-*survey* topografiku ġewwa l-ġid tar-rikorrenti, kif ukoll fit-tnedija tal-applikazzjoni għal kontroll tal-ippjanar PC23/08;

Illi filwaqt li huwa minnu li kollox skatta bl-approvazzjoni tal-permessi tal-iżvilupp fil-proprjetà ta' biswit dik tar-rikorrenti, u li dawk il-permessi kienu għall-benefiċċju aħħari ta' individwi privati u mhux għal benefiċċju tal-pubbliku in ġenerali, dawn il-fatturi ma jnaqqsu xejn mill-"interess pubbliku" kif ukoll l-utilità tal-applikazzjoni dwar il-kontroll tal-ippjanar PC23/08 u s-*survey* topografiku konsegwenzjali li sar fil-kuntest tagħha. Tabilħaqq, mhijiex darba li l-Qorti Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem fi Strasburgu tenniet li t-teħid ta' proprjetà għal għanijiet soċjali, ekonomiċi jew l-implimentazzjoni ta' *policies* oħra, jista' jkun fl-"interess pubbliku" anke jekk il-komunità in ġenerali ma tkunx ser tgawdi mill-użu ta' dak il-ġid meħud[77]. Huwa wkoll aċċettat li f'qasam ikkumplikat u diffikultuż bħal dak tal-ippjanar tal-iżvilupp tal-pajjiż, inkluż fit-tfassil tat-toroq, l-Istat għandu jitħalla jgawdi minn firxa wiesa' ta' diskrezzjoni biex jimplimenta l-*policies* dwar l-iżvilupp tal-pajjiż[78]. F'dan il-każ, skont il-pjan lokali tal-2006 dwar il-Majjistral ta' Malta, l-art li tinsab biswit dik tar-rikorrenti taqa' fiż-żona ta' żvilupp[79] u, kif ingħad f'għadd ta' każijiet oħra fejn tqajmu argumenti simili, il-Qorti tqis li huwa fl-interess pubbliku li jkun hemm toroq addattati li jagħtu aċċess xieraq għal dawk l-artijiet li huma maħsuba li jiġu żviluppati skont il-pjan lokali[80];

Illi għalkemm huwa wkoll veru li waqt li kienet għaddejja din il-kawża, l-Awtorità nediet u approvat applikazzjoni oħra għal kontroll tal-ippjanar PC12/12 li wasslet biex l-art biswit ta' dik tar-rikorrenti setgħet tiġi żviluppata skont il-pjan lokali u llum il-ġurnata hemm aċċess għar-residenzi li nbnew fuqha

[75] Kost. **6.10.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Mousu' et v. Direttur tal-Lottu Pubbliku et*** (Kollez. Vol: **LXXXIII.i.246).**
[76] Kost. **28.12.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Cachia v. Avukat Ġenerali et*** (Kollez. Vol: **LXXXV.i.615**).
[77] Q.E.D.B. **21.02.1986** fil-kawża fl-ismijiet ***James and Others v. Ir-Renju Unit***; u Q.E.D.B. **02.12.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***J.Lautier Company Ltd v. Malta*** (Applik. Nru. 37448/06).
[78] Kost. **23.2.2022** fil-kawża fl-ismijiet ***Frankie Calleja v. L-Awtorità tal-Ippjanar u l-Avukat Ġenerali llum l-Avukat tal-Istat***; Q.E.D.B., **5.11.2015** fil-kawża fl-ismijiet ***Salvatore Abdilla v. Malta*** (Applik. Nru. 38224/03); u Q.E.D.B. **06.03.2012** fil-kawża fl-ismijiet ***Giljan and John Farrugia v. Malta*** (Applik Nru. 67557/10).
[79] Ara x-xhieda ta' Victor Borg Fiorentino, f'paġna 143 tal-proċess u 'Dok PA45', f'paġna 284 tal-proċess.
[80] Kost. **30.7.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul Farruġia et. v. L-Avukat Ġenerali et***. (App. Ċiv. 696/1999/1), u Q.E.D.B. **6.3.2012** fil-kawża fl-ismijiet ***Giljan and John Farrugia v. Malta*** (Applik Nru. 67557/10). Fil-minuti ta' laqa' tal-Kumitat Eżekuttiv tal-Awtorità Intimata, tat-3 ta April 2009, jingħad li "*PC 23/08 was opened by the Directorate to introduce the previously established scheme road alignments and levels, according to the approved Local Plan, which although included the area within the scheme, did not specify the alignments and road layout.*" (Dok VBF9, f'paġna 159 tal-proċess).

minn band’ oħra, mill-provi ħareġ li t-tfassil ta’ triq skont kif ippjanata fl-applikazzjoni għal kontroll tal-ippjanar PC23/08 għadha xorta waħda meħtieġa. Kemm hu hekk, mill-provi jirriżulta li l-ftuħ ta’ triq skont kif imfassla fil-PC23/08, m’hijiex biss meħtieġa għal aċċess aħjar minn inġenji mdaqqsa, bħat-trakkijiet li jiġbru ż-żibel[81] li bħalissa qed ikollhom idawru f’kantuniera temporanja billi t-triq ma tinfidx[82], iżda wkoll hija meħtieġa għall-mogħdija ta’ servizzi essenzjali bħal dawk tad-drenaġġ. Tassew, mill-provi rriżulta li bħalissa r-residenzi li ġew żviluppati biswit l-art tar-rikorrenti ma jistgħux jiġu mqabbda mas-sistema tad-drenaġġ tal-pajjiż, u li sakemm ma ssirx it-triq skont kif imfassla fil-PC23/08, dawk ir-residenzi ser ikollhom jibqgħu jiddubbaw b’fosos temporanji li jridu jitbattlu mill-*bowsers* minn żmien għal żmien[83]. B’żieda ma’ dan, it-triq bħalissa hija *cul-de-sac* u, bla dubju ta’ xejn, it-tniffid tat-triq skont kif imfassla fil-PC23/08 – jekk jew meta tintlaqa’ – ser tkun qed tagħti aċċess aħjar kemm lir-residenti li joqogħdu f’dawk l-inħawi, kif ukoll lill-pubbliku in ġenerali li jkollu bżonn jgħaddi minn hemmhekk. Fiha nfisha, raġuni bħal din tal-aħħar hija meqjusa biżżejjed biex tissodisfa l-element tal-interess pubbliku[84]. Ma jistax għalhekk jingħad li l-ippjanar ta’ triq skont kif proposta fil-PC23/08 m’huwiex ser ikollu xi utilità konkreta jew li m’huwiex fl-interess pubbliku;

Illi sa fejn imbagħad għandu x’jaqsam mas-*survey* topografiku li sar ġewwa l-art tar-rikorrenti, il-Qorti tosserva li fin-nota ta’ sottomissjonijiet, ir-rikorrenti stess qed jaċċettaw li dan twettaq fil-qafas tal-applikazzjoni għal kontroll tal-ippjanar PC23/08[85]. Ġaladarba li l-Qorti għadha kif issib li l-applikazzjoni PC23/08 saret fl-interess pubbliku, u li dak is-*survey* tabilħaqq twettaq fil-qafas ta’ dik l-applikazzjoni, u mingħajru tali applikazzjoni ma setgħetx timxi aktar ‘il quddiem[86], il-Qorti, għar-raġunijiet li għadhom kif qed jissemmew, tqis li dak is-*survey* twettaq ukoll għal għan leġittimu, u li kien hemm utilità konkreta għalih: speċjalment għaliex sa qabel dakinhar l-Awtorità ma kellhiex *survey* attwali ta’ x’kien hemm fuq is-sit[87];

Illi l-Qorti tqis ukoll li kemm fit-twettiq tas-*survey* ġewwa l-proprjetà tar-rikorrenti kif ukoll fit-tnedija tal-applikazzjoni għal kontroll tal-ippjanar, l-Awtorità intimata ma xelfitx l-element tal-proporzjonalità u dan għal aktar minn raġuni waħda;

---

[81] Ara x-xhieda ta’ Victor Borg Fiorentino f’paġna 189 tal-proċess u l-affidavit ta’ Ivan Fava, f’paġ 277 tal-proċess.
[82] It-‘*turning circle*’ temporanju huwa muri f’ ‘Dok PA43’, f’paġna 346 tal-proċess. Ara wkoll ‘Dok VBF 16’, f’paġni 172 u 175 tal-proċess.
[83] F’‘Dok VBF16’, f’paġna 175 tal-proċess hemm imniżżel li: “*Due to the difference in road levels between the lowest proposed road level and the existing level of Triq l-Imtarfa of about 3 metres, the sewer main is not possible to be connected to flow by gravity. Thus, temporary cesspits are required to be constructed until the sewer main can be connected to the other part of the sewer main can be connected*”. Ara wkoll x-xhieda ta’ Victor Borg Fiorentino f’paġna 189 tal-proċess u l-affidavit ta’ Ivan Fava, f’paġ 277 tal-proċess.
[84] Kost. **30.11.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Mario Cutajar noe. v. Il-Kummissarju ta’ l-Art et.*** (Rik. 467/94) u PA (Kost) **27.4.2017** fil-kawża fl-ismijiet ta’ ***George Ciappara v. L-Awtorità ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjnar*** (Ikkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fit-13 ta’ April, 2018) (Rik. 15/2012).
[85] Ara paragrafu 29 tan-nota ta’ sottomissjonijiet tar-rikorrenti, f’paġna 376 tal-proċess.
[86] Ara x-xhieda ta’ Victor Borg Fiorentino, f’paġna 138 tal-proċess, u l-minuti tal-laqa’ tat-3 ta’ April, 2009, tal-Kumitat Eżekuttiv tal-Bord tal-Awtorità, ‘Dok VBF9’, f’paġna 153 tal-proċess.
[87] Ara x-xhieda ta’ Victor Borg Fiorentino, f’paġna 138 tal-proċess.

Illi dwar it-twettiq tas-*survey* fil-jum tal-20 ta' Lulju, 2009, il-Qorti rat li l-Awtorità kien ilha xhur titlob lir-rikorrenti biex jagħtuha aċċess ġewwa l-ġid tagħhom għal dak l-għan[88]. Kien biss wara li r-rikorrenti baqgħu jinsistu li ma ridux jagħtu aċċess lill-uffiċjali tal-Awtorità, li l-Awtorità permezz tal-avukat tagħha, bagħtet tgħarrafhom li, fin-nuqqas li jagħżlu xi waħda mid-dati proposti għall-aċċess, l-Awtorità kienet ser tkun qed tuża l-forza biex tidħol ġewwa ħwejjiġhom bis-saħħa tal-Artikolu 50 tal-Kap. 356[89]. Terġa' u tgħid, kien għaliex ir-rikorrenti naqsu milli jagħżlu waħda mid-dati proposti lilhom[90] li l-Awtorità ddeċidiet li tibgħat lill-uffiċjali tagħha flimkien mal-Pulizija, f'jum li ma kienx imħabbar lir-rikorrenti. Fuq kollox, mill-provi ħareġ li l-aċċess għall-għanijiet tat-twettiq tas-*survey* dam biss seba' sigħat u tlesta dakinhar stess[91] u, għalhekk, ir-rikorrenti ma jistgħux jgħidu li b'dak is-*survey* huma ġarrbu xi piż jew tfixkil fit-tgawdija ta' ħwejjiġhom li huwa sproporzjonat;

Illi sa fejn imbagħad ir-rikorrenti qed jargumentaw li l-Awtorità ma kellhiex għalfejn tagħmel is-*survey* ġewwa ħwejjiġhom u li dak is-*survey* seta' jsir minn bnadi oħra, il-Qorti tqis li r-rikorrenti ma rnexxilhomx jippruvaw din l-asserzjoni. Kemm hu hekk, għalkemm George Scerri qal li l-perit tiegħu kien qallu li s-*survey* seta' jsir mingħajr ma kien hemm għalfejn li jkun hemm aċċess ġewwa ħwejġu, fil-kontroeżami, Scerri wieġeb li l-perit tiegħu ma kienx fissirlu x'kien dak il-metodu alternattiv għas-*survey* topografiku li l-Awtorità riedet tagħmel ġewwa ħwejġu[92]. Ir-rikorrenti lanqas ma tellgħu lil dak il-perit biex jixhed dwar il-fehmiet tiegħu u jfisser x'alternattivi oħra kien hemm. Mill-banda l-oħra, mill-provi tal-Awtorità intimata ħareġ li l-PC23/08 kienet tikkonċerna parti mill-art tar-rikorrenti, u peress li l-Awtorità ma kellhiex *survey* attwali li kien juri x'kien hemm fuq is-sit, u dak is-*survey* kien meħtieġ għall-ipproċessar tal-PC23/08, il-Qorti jidhrilha li l-aċċess ġewwa l-proprjetà tar-rikorrenti kien tassew meħtieġ;

Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti hija tal-fehma li l-indħil li r-rikorrenti setgħu ġarrbu fit-tgawdija tal-ġid tagħhom minħabba t-twettiq tas-*survey* ma kienx wieħed li jista' jitqies bħala inkompatibbli mal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Kovenzjoni;

Illi l-istess jgħodd għall-applikazzjoni għal kontroll tal-ippjanar PC23/08. Għalkemm huwa minnu li jekk ser tkun qed tiġi approvata, din l-applikazzjoni ser tkun qiegħda taffettwa l-proprjetà tar-rikorrenti u l-użu li jibda jsir minnha, mill-provi jidher li l-Awtorità intimata fasslet dik l-applikazzjoni b'tali mod li t-triq hija maħsuba li tgħaddi minn żona li oriġinarjament kienet

---

[88] Ara l-kontroeżami tar-rikorrent George Scerri, f'paġna 51 tal-proċess.
[89] Ara l-ittra tal-Avukat Tony Degaetano tad-19 ta' Ġunju, 2009, 'Dok. B', f'paġna 7 tal-proċess.
[90] Ara x-xhieda ta' Mario Azzopardi, f'paġna 132 tal-proċess.
[91] Ara l-kontroeżami tal-Ispettur Mario Tonna, f'paġna 49 tal-proċess.
[92] *Ibid.* f'paġna 52 tal-proċess.

skedata għall-triq[93]. Kemm hu hekk, dik il-parti tal-art li tista' tintlaqat[94], baqgħet qatt ma nbniet[95] u ilha għal snin twal isservi bħala triq privata għar-residenza tar-rikorrenti. Huwa wkoll rilevanti li, fiha nfisha, l-applikazzjoni għal kontroll tal-ippjanar tinvolvi proċess li matulu r-rikorrenti jistgħu jieħdu sehem u jsemmgħu leħinhom. Fil-fatt, l-Awtorità ma nedietx dik l-applikazzjoni inkiss inkiss minn wara dahar ir-rikorrenti, iżda ppublikatha u tat lill-pubbliku, inkluż lir-rikorrenti, kull opportunità li jressqu s-sottomissjonijiet tagħhom dwar dik l-applikazzjoni[96]. Kemm hu hekk, fil-kontroeżami, ir-rikorrent George Scerri nnifsu stqarr li huwa kien ressaq l-oġġezzjonijiet tiegħu għal dik l-applikazzjoni[97] u għalhekk m'għandux ikun hemm xi dubju li r-rikorrenti ngħataw l-opportunità li jsemmgħu leħinhom u jagħtu l-fehmiet tagħhom. Terġa' u tgħid, applikazzjonijiet ta' din ix-xorta jkunu deċiżi fil-miftuħ, u f'dak l-istadju r-rikorrenti ser ikollhom ukoll il-jedd li jidhru fis-seduta u jsemmgħu leħinhom. Fl-aħħar nett, għalkemm m'hemmx appell dirett minn dik id-deċiżjoni, ir-rikorrenti xorta waħda jifdlilhom il-jedd ta' stħarriġ quddiem il-Qorti kompetenti li għandha ġurisdizzjoni residwa f'materji li mhumiex espressament vestiti f'xi qorti jew inkella f'xi tribunal amministrattiv aġġudikattiv ieħor.[98] Dan kollu jwassal lill-Qorti għall-konklużjoni li anke fl-għemil tat-tnedija tal-PC23/08, l-Awtorità intimata ma xelfitx il-prinċipju tal-proporzjonalità;

Illi hekk ukoll jista' jingħad għall-għemil tal-Pulizija kif rappreżentata mill-Kummissarju intmat. Diġà rajna li l-assistenza tal-Pulizija fil-jum tal-20 ta' Lulju, 2009, ingħatat f'qafas legali u bil-għan li tinżamm l-ordni, il-kwiet pubbliku, kif ukoll għall-ħarsien tal-uffiċjali tal-Awtorità fit-twettiq ta' xogħolhom. Bla dubju ta' xejn, għan bħal dan mhuwiex biss wieħed legali, iżda wkoll leġittimu[99]. Għalkemm huwa minnu li hemm kunflitt bejn il-verżjoni tar-rikorrent George Scerri u dik tal-Ispettur Mario Tonna dwar il-mod ta' kif żvolġew l-affarijiet, il-Qorti jidhrilha li r-rikorrenti ma wrewx li l-Pulizija ġabu ruħhom magħhom b'xi mod sproporzjonat. Mill-provi ħareġ li kien ir-rikorrent George Scerri nnifsu li fetaħ ix-xatba li tagħti għall-proprjetà tiegħu u dan sabiex l-uffiċjali tal-intimati setgħu jaċċedu ġewwa ħwejġu[100]. F'kull każ, ma jirriżultax li l-Pulizija għamlet xi ħsara lill-proprjetà tar-rikorrenti jew inkella kkonfiskat xi ħwejjeġ tar-rikorrenti;

---

[93] Ara b'mod partikolari (i) l-kontroeżami ta' Victor Borg Fiorentino f'paġni 146 u 147 tal-proċess, (ii) ix-xhieda ulterjuri ta' Victor Borg Fiorentino f'paġna 186 tal-proċess, (iii) l-affidavit ta' Ivan Fava f'paġni 271 et seq. tal-proċess, (iv) 'Dok PA1', f'paġna 280 tal-proċess. u (v) 'Dok VFB 16', paragrafu 6.0, f'paġni 170 u 171 tal-proċess.
[94] Ara 'Dok VBF9' f'paġna 158 tal-proċess.
[95] Ara r-ritratti mill-ajru 'Dok PA11', 'Dok PA12', 'Dok PA13' u 'Dok PA14', f'paġni 291 sa 294 tal-proċess
[96] Ara x-xhieda ta' Victor Borg Fiorentino f'paġna 138 tal-proċess.
[97] Ara l-kontroeżami ta' George Scerri f'paġna 51 tal-proċess.
[98] Ara App. Ċiv. **23.4.2001** fil-proċeduri fl-ismijiet ***Joseph Pavia v. Kummissjoni Għall-Kontroll ta' l-Iżvilupp,*** (App. 220A/99) u App. Inf. **31.1.2007**, fil-proċeduri fl-ismijiet ta' ***Helen Pavia v. L-Kummissjoni għall-Kontroll ta' l-Iżvilupp*** (App. 13/2005RCP).
[99] Q.E.D.B. **23.9.1998** fil-kawża fl-ismijiet ta' ***McLeod v. Ir-Renju Unit*** (Applik. Nru. 72/1997) § 48 (fid-dawl tal-jedd għall-privatezza taħt l-art. 8 tal-Konvenzjoni fejn jirrigwarda s-setgħa tal-pulizija li tidħol f'ġid privat għaż-żamma ta' ordni u paċi pubblika)
[100] Ara l-kontroeżami ta' George Scerri f'paġna 53 tal-proċess.

Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, il-Qorti qed tasal għall-fehma li r-rikorrenti m'għandhomx raġun meta qed jgħidu li l-għemil tal-intimati, jew ta' min minnhom, wassalhom biex ġarrbu xi tfixkil fil-jedd għat-tgawdija bil-kwiet ta' ħwejjiġhom, u dan b'xi mod jew ieħor li m'huwiex kompatibbli mal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni;

Illi fir-rigward tal-**ilment tar-rikorrenti dwar il-ksur tal-jeddijiet tagħhom taħt l-Artikolu 6 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 39 tal-Konvenzjoni**, il-Qorti tosserva li dawn l-ilmenti huma msejsa fuq il-fatt li l-Awtorità intimata mexxiet bl-aċċess u s-*survey* tal-20 ta' Lulju, 2009, u dan minkejja li għall-bidu ta' Lulju huma kienu ressqu appell mid-deċiżjoni tal-Awtorità kif imħabbra lilhom bl-ittra tad-19 ta' Ġunju, 2009, u għaliex dakinhar l-imsemmi appell kien għadu pendenti. Skont ir-rikorrenti dan l-għemil wassal biex tellifhom mill-jedd li jkollhom rimedju xieraq skont il-liġi, u dan sewwasew biex jiġi mistħarreġ jekk it-talba magħmula mill-Awtorità kinitx xierqa u siewja fil-liġi. Jgħidu wkoll li l-Pulizija ma aġixxietx b'mod ġust ("*fair*") u imparzjali meta ma tatx każ tal-ilmenti tagħhom, u emmnet il-kelma tal-Awtorità fuq dik tagħhom[101];

Illi kemm l-Awtorità intimata kif ukoll il-Kummissarju intimat laqgħu għal dawn l-argumenti billi argumentaw li kemm l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni kif ukoll l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ma jgħoddux għall-każ għax-xorta ta' lmenti mqajma mir-rikorrenti;

Illi l-Qorti tqis li hawnhekk ukoll, l-argumenti tal-intimati huma fejjieda u dan għaliex l-ebda wieħed mill-imħarrkin ma qiegħed jirrappreżenta lil xi "*awtorità ġudikanti*" kif mitlub bl-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni jew inkella xi "*tribunal indipendenti u imparzjali imwaqqaf b'liġi*", kif imbagħad mitlub mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni[102]. Bla dubju ta' xejn, il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar huwa entità separata u distinta mill-intimata Awtorità tal-Ippjanar[103] u la dak il-bord ma tħarrikx f'dawn il-proċeduri permezz tas-Segretarju tat-Tribunal[104], il-Qorti tqis li jonqos element kostituttiv ewlieni li bis-saħħa tiegħu jista' jingħad li għall-każ tar-rikorrenti jgħodd l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni jew inkella l-Artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni[105];

Illi filwaqt li dak li għadu kif jingħad għandu jkun biżżejjed biex il-Qorti tgħaddi minnufih għad-deċiżjoni finali tagħha, biex ikun ingħad kollox, il-Qorti taqbel ukoll mal-Awtorità intimata li, f'dan il-każ, ir-rikorrenti ma ressqu l-ebda talba lill-Bord sabiex iżommu lill-Awtorità milli twettaq dak li kien fi ħsiebha twettaq, u dan sakemm kellu jiġi deċiż l-appell imressaq quddiemu[106].

[101] Ara paragrafu 27 tan-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti, f'paġna 377 tal-proċess.
[102] Kost, **9.5.2005**, fil-kawża fl-ismijiet ta' ***Adrian Busietta et. v. L-Awtorità tal-Ippjanar.***
[103] *Ibid.*
[104] Art 15(11) tal-Kap. 356.
[105] PA (Kost), **25.9.2008**, fil-kawża fl-ismijiet ta' ***Victor Spiteri v. L-Avukat Ġenerali***.
[106] Ara l-ittra tat-2 ta' Lulju, 2009, 'Dok C', f'paġna 8 tal-proċess.

Fiċ-ċirkostanzi, ma kien hemm xejn fil-liġi li seta' jżomm lill-Awtorità milli tmexxi bid-deċiżjoni tagħha, u kien fir-responsabbiltà tar-rikorrenti li jitolbu s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni tal-Awtorità, jekk xtaqu hekk;

Illi, fuq kollox, il-Qorti għandha riżervi serji dwar kemm ir-rikorrenti setgħu tassew iressqu appell quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar mid-deċiżjoni tal-Awtorità hekk kif imħabbra lilhom bl-ittra tad-19 ta' Ġunju, 2009. Il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar ma kienx igawdi minn xi kompetenza residwali li jistħarreġ kull deċiżjoni tal-Awtorità, u peress li l-liġi applikabbli fis-sena 2009 (il-Kap. 356) ma kienet tgħid imkien li l-Bord tal-Appell seta' jistħarreġ xi deċiżjoni bħal dik li ġiet appellata mir-rikorrenti, il-Qorti jidhrilha li l-appell tar-rikorrenti kien ukoll x'aktarx null u inammissibli. Tabilħaqq, ir-rikorrenti ma ġabu l-ebda prova li dak l-appell kien wieħed ammissibli jew li setgħu jiksbu xi utilità minnu, u fiċ-ċirkustanzi, in-nuqqas ta' dik il-prova jitkellem waħdu;

Illi għalhekk, il-Qorti sejra tgħaddi biex tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrenti;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tiċħad l-ewwel u t-tieni eċċezzjonijiet preliminari** tal-intimat Kummissarju tal-Pulizija;

**Tilqa' l-eċċezzjonijiet fil-mertu** tal-intimati sa fejn joqogħdu ma' din is-sentenza;

**Tiċħad it-talbiet kollha** tar-rikorrenti; u

**Tordna** li r-rikorrenti jħallsu **l-ispejjeż tal-kawża**, minbarra dawk marbutin mas-sentenza preliminari tal-1 ta' Frar, 2011, liema spejjeż għandhom jitħallsu kif ordnat f'dik is-sentenza.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**Geraldine Rickard**
**Deputat Reġistratur**

**12 ta' Jannar, 2024**